StudentBounty.com

Kulleġġ Santa Tereża

EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2012

IS-SITT SENA | MALTI (Is-Smigħ) | ĦIN: 30 minuta

**Nota:**

**L-eżami kollu jinqara minn narraturi li leħinhom huwa rrekordjat fuq diska kompatta. F'każ li d-diska kompatta ma taħdimx, l-għalliema huma mitluba jaqraw dan l-iskript.**

## IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA



www.StudentBounty.com

Merħba! Matul l-eżami tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.

Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzju fl-iskript li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.

Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji se naqrahomlok darbtejn.

Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek quddiemek u ssib paġna 3.

**[Waqfa ta' 10 sekondi]**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tal-ewwel silta.

**[Waqfa ta' 25 sekondi]**

Issa se naqralek l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

**[Waqfa ta' 3 sekondi]**

**Il-Qari tal-Ewwel Silta (L-ewwel darba)**

Dan li qed tisma' huwa messaġġ promozzjonali għar-radju.

Trid tirbaħ vjaġġ għal Gardaland? Trid li jkollok iċ-ċans tirkeb fuq l-aktar rikbiet sbieħ u eċitanti ġewwa l-aktar park divertenti u popolari fl-Italja? Il-Klabb ta' Gardaland qed jorganizza kompetizzjoni mill-isbaħ għat-tfal membri Maltin tal-Klabb. It-tfal kollha li għandhom inqas minn sittax-il sena jistgħu jieħdu sehem f'din il-kompetizzjoni. Min jirbaħ din il-kompetizzjoni jirbaħ biljett tal-ajru lejn l-Italja u biljett tad-dħul fil-park ta' divertiment ġewwa Gardaland għal tliet ijiem sħaħ.

Sabiex tkun tista' tikkompeti jeħtieġ li l-ewwel issir membru. Biex issir membru fil-Klabb tal-Gardaland tista' tidħol fuq l-Internet, fis-sit www.gardaland.it u hemm issib l-istruzzjonijiet meħtieġa. Tkun taf li sirt membru meta l-Klabb ta' Gardaland jibgħatlek email biex jikkonferma s-sħubija tiegħek mal-Klabb. Aktar tard tirċievi t-tessera b'ismek u bin-numru tas-sħubija. Bit-tessera tista' tixtri l-biljetti tad-dħul fil-park ta' Gardaland b'irħis u meta tixtri xi affarijiet mill-park, minn ikel sa suvenirs, tingħata skont ta' 20%. Permezz tat-tessera, il-vjaġġ bil-kowċ lejn Gardaland jiġi rħis ukoll u għandek iċ-ċans tieħu sehem fil-kompetizzjonijiet li l-Klabb jorganizza minn żmien għal żmien. It-tessera tas-sħubija tiġġedded kull sena mingħajr ħlas.

**[Waqfa ta' 3 sekondi]**

**Issa se naqralek taħriġ A.**
Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (X) fil-kaxxa t-tajba.
L-ewwel waħda hija eżempju.

Li smajt hu messaġġ promozzjonali għat-televiżjoni.
Dan **MHUWIEX VERA**. Għalhekk fil-kaxxa jien għamilt sinjal taħt **MHUWIEX VERA**.



www.StudentBounty.com

Issa naqralek il-bqija tas-sentenzi. Jekk trid, jew jekk taħseb li taf timmarka xi tweġiba minnhom, tista'. Imma għal dan, se nagħtik ċans wara wkoll.

**Numru wieħed.**
Ir-reklam isemmi vjaġġ għall-Italja.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn.**
Min jirbaħ ikollu ċans jitla' fuq rikbiet divertenti f'Gardaland.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta.**
Il-Kompetizzjoni qed tiġi organizzata għat-tielet darba.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa.**
Il-Klabb tat-tim nazzjonali Taljan qed jorganizza din il-kompetizzjoni.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa**
Din il-kompetizzjoni hija miftuħa għat-tfal li huma membri fil-Klabb.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

Issa li qrajtlek **Taħriġ A,** nistgħu ngħaddu għal **Taħriġ B.**

F'dan it-taħriġ inti għandek tagħżel kif tkompli l-aħjar is-sentenza skont dak li smajt. Għandek tliet għażliet, imma waħda biss hija t-tajba.

Ejja naraw l-eżempju.

Fil-kompetizzjoni jistgħu jieħdu sehem:
(a) kemm tfal kif ukoll adulti
(b) tfal li għandhom inqas minn sittax-il sena
(ċ) tfal li għalqu sittax-il sena.

Issa, inti smajt li jistgħu jieħdu sehem tfal li għandhom inqas minn sittax-il sena. Mela t-tajba hija **b.**

Ejja naraw is-sentenzi l-oħrajn ukoll. Jekk trid, tista' tipprova twieġeb xi waħda minnhom, imma se nagħtik ċans wara wkoll.



www.StudentBounty.com

**Numru wieħed.**
Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni jirbaħ:
(a) biljett tal-ajru għall-Italja u lura.
(b) biljett tal-ajru għall-Italja u akkomodazzjoni f'lukanda.
(ċ) biljett tal-ajru għall-Italja u biljett tad-dħul f'Gardaland.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn.**
Bil-biljett tad-dħul, ir-rebbieħ jista' jżur il-park:
(a) għal tliet ijiem sħaħ.
(b) għal jumejn sħaħ.
(ċ) għal tliet ġimgħat sħaħ.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta.**
X'għandu jagħmel xi ħadd li jixtieq isir membru?
(a) Iċempel lill-Klabb ta' Gardaland.
(b) Jidħol fis-sit tal-Internet u jsegwi l-istruzzjonijiet.
(ċ) Jibgħat tessera bil-posta.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa.**
X'dettalji jkun hemm fuq it-tessera?
(a) L-isem u l-indirizz tal-membru.
(b) L-isem u n-numru tas-sħubija.
(ċ) L-isem u n-numru ta' membri fil-familja.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa.**
Wieħed mill-vantaġġi li tkun membru hu:
(a) li tidħol b'xejn fil-park ta' Gardaland kull meta tmur.
(b) li tħallas nofs il-prezz tad-dħul.
(ċ) li tieħu l-prezz tad-dħul irħas.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru sitta.**
Permezz tat-tessera, il-membri jieħdu skont ta'
(a) għaxra fil-mija fuq l-affarijiet kollha li jixtru mill-park.
(b) għoxrin fil-mija fuq l-affarijiet kollha li jixtru mill-park.
(ċ) ħamsin fil-mija fuq l-affarijiet kollha li jixtru mill-park.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru sebgħa.**
Il-membri tal-Klabb għandhom iċ-ċans li:
(a) jieħdu sehem fil-kompetizzjonijiet u jħallsu prezz inqas meta jużaw il-kowċ.
(b) jieħdu sehem fil-kompetizzjonijiet kollha u jieħdu l-vjaġġ tal-kowċ b'xejn.
(ċ) jerġgħu iħallsu biex iġeddu s-sħubija tagħhom fil-Klabb.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**


www.StudentBounty.com

Wara li qrajtlek il-mistoqsijiet taż-żewġ taħriġiet, se nerġa' naqralek is-silta kollha għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.

**Il-Qari tal-Ewwel Silta (It-tieni darba)**

Dan li qed tisma' huwa messaġġ promozzjonali għar-radju.

Trid tirbaħ vjaġġ għal Gardaland? Trid li jkollok iċ-ċans tirkeb fuq l-aktar rikbiet sbieħ u eċitanti ġewwa l-aktar park divertenti u popolari fl-Italja? Il-Klabb ta' Gardaland qed jorganizza kompetizzjoni mill-isbaħ għat-tfal membri Maltin tal-Klabb. It-tfal kollha li għandhom inqas minn sittax-il sena jistgħu jieħdu sehem f'din il-kompetizzjoni. Min jirbaħ din il-kompetizzjoni jirbaħ biljett tal-ajru lejn l-Italja u biljett tad-dħul fil-park ta' divertiment ġewwa Gardaland għal tliet ijiem sħaħ.

Sabiex tkun tista' tikkompeti jeħtieġ li l-ewwel issir membru. Biex issir membru fil-Klabb tal-Gardaland tista' tidħol fuq l-Internet, fis-sit www.gardaland.it u hemm issib l-istruzzjonijiet meħtieġa. Tkun taf li sirt membru meta l-Klabb ta' Gardaland jibgħatlek email biex jikkonferma s-sħubija tiegħek mal-Klabb. Aktar tard tirċievi t-tessera b'ismek u bin-numru tas-sħubija. Bit-tessera tista' tixtri l-biljetti tad-dħul fil-park ta' Gardaland b'irħis u meta tixtri xi affarijiet mill-park, minn ikel sa suvenirs, tingħata skont ta' 20%. Permezz tat-tessera, il-vjaġġ bil-kowċ lejn Gardaland jiġi rħis ukoll u għandek iċ-ċans tieħu sehem fil-kompetizzjonijiet li l-Klabb jorganizza minn żmien għal żmien. It-tessera tas-sħubija tiġġedded kull sena mingħajr ħlas.

**[Waqfa ta' 3 sekondi]**

Se nerġa' naqralek taħriġ A għat-tieni u għall-aħħar darba.

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (X) fil-kaxxa t-tajba.
L-ewwel waħda hija eżempju.

Li smajt hu messaġġ promozzjonali għat-televiżjoni.
Dan **MHUWIEX VERA**. Għalhekk fil-kaxxa jien għamilt sinjal taħt **MHUWIEX VERA**.

Issa naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru wieħed.**
Ir-reklam isemmi vjaġġ għall-Italja.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn.**
Min jirbaħ ikollu ċans jitla' fuq rikbiet divertenti f'Gardaland.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**



www.StudentBounty.com

**Numru tlieta.**
Il-Kompetizzjoni qed tiġi organizzata għat-tielet darba.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa.**
Il-Klabb tat-tim nazzjonali Taljan qed jorganizza din il-kompetizzjoni.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa**
Din il-kompetizzjoni hija miftuħa għat-tfal li huma membri fil-Klabb.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

Issa li qrajtlek **Taħriġ A,** nistgħu ngħaddu għal **Taħriġ B.** Se naqralek Taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.

F'dan it-taħriġ inti għandek tagħżel kif tkompli l-aħjar is-sentenza skont dak li smajt. Għandek tliet għażliet, imma waħda biss hija t-tajba.

Ejja naraw l-eżempju.

Fil-kompetizzjoni jistgħu jieħdu sehem:
(a) kemm tfal kif ukoll adulti
(b) tfal li għandhom inqas minn sittax-il sena
(ċ) tfal li għalqu sittax-il sena.

Issa, inti smajt li jistgħu jieħdu sehem tfal li għandhom inqas minn sittax-il sena. Mela t-tajba hija **b.**
Ejja naraw is-sentenzi l-oħrajn ukoll. Waqt li naqralek tista' tibda timmarka.

**Numru wieħed.**
Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni jirbaħ:
(a) biljett tal-ajru għall-Italja u lura.
(b) biljett tal-ajru għall-Italja u akkomodazzjoni f'lukanda.
(ċ) biljett tal-ajru għall-Italja u biljett tad-dħul f'Gardaland.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn.**
Bil-biljett tad-dħul, ir-rebbieħ jista' jżur il-park:
(a) għal tliet ijiem sħaħ.
(b) għal jumejn sħaħ.
(ċ) għal tliet ġimgħat sħaħ.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**



www.StudentBounty.com

**Numru tlieta.**
X'għandu jagħmel xi ħadd li jixtieq isir membru?
(a) Iċempel lill-Klabb ta' Gardaland.
(b) Jidħol fis-sit tal-Internet u jsegwi l-istruzzjonijiet.
(ċ) Jibgħat tessera bil-posta.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa.**
X'dettalji jkun hemm fuq it-tessera?
(a) L-isem u l-indirizz tal-membru.
(b) L-isem u n-numru tas-sħubija.
(ċ) L-isem u n-numru ta' membri fil-familja.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa.**
Wieħed mill-vantaġġi li tkun membru hu:
(a) li tidħol b'xejn fil-park ta' Gardaland kull meta tmur.
(b) li tħallas nofs il-prezz tad-dħul.
(ċ) li tieħu l-prezz tad-dħul irħas.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru sitta.**
Permezz tat-tessera, il-membri jieħdu skont ta'
(a) għaxra fil-mija fuq l-affarijiet kollha li jixtru mill-park.
(b) għoxrin fil-mija fuq l-affarijiet kollha li jixtru mill-park.
(ċ) ħamsin fil-mija fuq l-affarijiet kollha li jixtru mill-park.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru sebgħa.**
Il-membri tal-Klabb għandhom iċ-ċans li:
(a) jieħdu sehem fil-kompetizzjonijiet u jħallsu prezz inqas meta jużaw il-kowċ.
(b) jieħdu sehem fil-kompetizzjonijiet kollha u jieħdu l-vjaġġ tal-kowċ b'xejn.
(ċ) jerġgħu iħallsu biex iġeddu s-sħubija tagħhom fil-Klabb.
**[waqfa ta' 10 sekondi għal min għadu qed jikteb]**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tat-tieni silta.

Issa għandek minuta biex tiċċekkja taħriġ A u taħriġ B.

Dan huwa t-tmiem tal-ewwel silta.

Issa se naqralek it-tieni silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.



www.StudentBounty.com

**Il-Qari tat-Tieni Silta (L-ewwel darba)**

Tajjeb. Mela issa se nibdew **it-Tieni Silta**.

| |
|---|
| Is-Sibt inħobbu wisq. Inkun fuq ix-xwiek biex jasal is-Sibt. Mhux biss għax ma jkollix skola imma wkoll għax kull nhar ta' Sibt, ommi u z-zija Rita, li tiġi oħt ommi, jiftehmu biex imorru jagħmlu x-xirja flimkien u wara jerħulha għal għand il-*hairdresser*. Lili u lil kuġinti Petra jħalluna għand in-Nanna Karm sabiex inlestu x-xogħol li jkunu tawna l-għalliema u fl-istess ħin ma nkunux ta' xkiel għalihom. Jien u Petra nkunu diġà ftehmna minn qabel biex ix-xogħol u l-istudju li jkollna nagħmlu, nagħmluh il-Ġimgħa sabiex is-Sibt nagħmlu xalata għand in-Nanna. Għalkemm il-Ġimgħa jkolli d-duttrina u t-trejning tal-futbol, nagħmel sagrifiċċju kbir biex ix-xogħol li għandi nagħmel nagħmlu kollu u bil-galbu. Petra hija l-aktar kuġina favorita, u minkejja li hija tifla, naqbel ħafna magħha, min jaf forsi għax għandna l-istess età. Kif niltaqgħu, nifirħu b'xulxin u nitilgħu niġru l-garigor għal kamra ta' fuq il-bejt. Hemmhekk, in-Nanna għandha senduq u fih iżżomm ħafna affarijiet antiki li huma għal qalbha u li magħhom hemm marbuta bosta tifkiriet tal-imgħoddi. |

Issa tista' ddawwar il-paġna fejn hemm il-mistoqsijiet tat-Tieni Silta, ħalli tara x'se nistaqsik.

Ħalli nibdew minn **Taħriġ A.**

F'dan it-taħriġ inti għandek tagħżel kif tkompli l-aħjar is-sentenza skont dak li smajt. Għandek tliet għażliet, imma waħda biss hija t-tajba.

Ejja naraw l-eżempju.

Il-jum preferut tal-kelliem huwa:
(a) l-Ħamis.
(b) l-Ġimgħa.
(ċ) s-Sibt.

Issa, inti smajt li l-kelliem iħobb is-Sibt. Mela t-tajba hija **ċ.** Ejja naraw is-sentenzi l-oħrajn ukoll. Jekk trid, tista' tipprova xi waħda minnhom, imma se nagħtik ċans wara wkoll.

**Numru wieħed**
Petra, il-kuġina tal-kelliem hija:
(a) akbar minnu.
(b) tamparu.
(ċ) iżgħar minnu.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn**
Xi jrid ifisser il-kelliem meta jgħid *'nagħmlu xalata għand in-nanna'*?
(a) Irid ifisser li jagħmlu ħafna storbju.
(b) Irid ifisser li jmur ix-xalata tal-festa.
(ċ) Irid ifisser li jieħdu gost ħafna.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**



www.StudentBounty.com

**Numru tlieta**
Ma nkunux ta’ xkiel għalihom tfisser:
(a) Ma ntellfuhomx.
(b) Inġennuhom.
(ċ) Indejquhom.
**[waqfa ta’ 3 sekondi]**

**Numru erbgħa**
Fejn qiegħed is-senduq tan-Nanna Karm?
(a) F’waħda mill-kmamar ta’ fuq.
(b) Fil-kamra tal-bejt.
(ċ) Fuq il-bejt.
**[waqfa ta’ 3 sekondi]**

Issa se ngħaddu għal **Taħriġ B**.

Għal dan it-taħriġ se nistaqsik mistoqsija, u din id-darba trid tikteb it-tweġiba. It-tweġiba mhux bilfors tkun sentenza sħiħa.

Ikteb it-tweġiba issa, u wara se nerġa’ nagħtik ftit ħin ukoll.

Ejja nisimgħu:

**L-ewwel mistoqsija**
Waqt li t-tfal ikunu għand in-nanna, xi jkunu qed jagħmlu l-ġenituri tagħhom?
**[waqfa ta’ 10 sekondi]**

**It-tieni mistoqsija**
X’jiftehmu t-tfal minn qabel?
**[waqfa ta’ 10 sekondi]**

**It-tielet mistoqsija**
Fejn ikollu jmur il-kelliem kull nhar ta’ Ġimgħa?
**[waqfa ta’ 10 sekondi]**

**Ir-raba’ mistoqsija**
X’isibu t-tfal meta jiftħu s-senduq tan-nanna?

**[waqfa ta’ 30 sekonda għal min għadu jikteb]**

Issa se nerġa’ naqralek it-tieni silta, għat-tieni u l-aħħar darba.
Waqt il-qari tista’ tkompli taħdem l-eżerċizzji.

**Qari tat-Tieni Silta (It-Tieni darba)**

Is-Sibt inħobbu wisq. Inkun fuq ix-xwiek biex jasal is-Sibt. Mhux biss għax ma jkollix skola imma wkoll għax kull nhar ta’ Sibt, ommi u z-zija Rita, li tiġi oħt ommi, jiftehmu biex imorru jagħmlu x-xirja flimkien u wara jerħulha għal għand il-*hairdresser.* Lili u lil kuġinti Petra jħalluna għand in-Nanna Karm sabiex inlestu x-



www.StudentBounty.com

xogħol li jkunu tawna l-għalliema u fl-istess ħin ma nkunux ta' xkiel għalihom. Jien u Petra nkunu diġà ftehmna minn qabel biex ix-xogħol u l-istudju li jkollna nagħmlu, nagħmluh il-Ġimgħa sabiex is-Sibt nagħmlu xalata għand in-Nanna. Għalkemm il-Ġimgħa jkolli d-duttrina u t-trejning tal-futbol, nagħmel sagrifiċċju kbir biex ix-xogħol li għandi nagħmel nagħmlu kollu u bil-galbu. Petra hija l-aktar kuġina favorita, u minkejja li hija tifla, naqbel ħafna magħha, min jaf forsi għax għandna l-istess età. Kif niltaqgħu, nifirħu b'xulxin u nitilgħu niġru l-garigor għal kamra ta' fuq il-bejt. Hemmhekk, in-Nanna għandha senduq u fih iżżomm ħafna affarijiet antiki li huma għal qalbha u li magħhom hemm marbuta bosta tifkiriet tal-imgħoddi.

Issa se naqralek taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.

F'dan it-taħriġ inti għandek tagħżel kif tkompli l-aħjar is-sentenza skont dak li smajt. Għandek tliet għażliet, imma waħda biss hija t-tajba.

Ejja naraw l-eżempju.

Il-jum preferut tal-kelliem huwa:
(a) l-Ħamis.
(b) l-Ġimgħa.
(ċ) s-Sibt.

Issa, inti smajt li l-kelliem iħobb is-Sibt. Mela t-tajba hija **ċ.** Ejja naraw is-sentenzi l-oħrajn ukoll u tista' tibda taħdimhom.

**Numru wieħed**
Petra, il-kuġina tal-kelliem hija:
(a) akbar minnu.
(b) tamparu.
(ċ) iżgħar minnu.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn**
Xi jrid ifisser il-kelliem meta jgħid *'nagħmlu xalata għand in-nanna'*?
(a) Irid ifisser li jagħmlu ħafna storbju.
(b) Irid ifisser li jmur ix-xalata tal-festa.
(ċ) Irid ifisser li jieħdu gost ħafna.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta**
Ma nkunux ta' xkiel għalihom tfisser:
(a) Ma ntellfuhomx.
(b) Inġennuhom.
(ċ) Indejquhom.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**



www.StudentBounty.com

**Numru erbgħa**
Fejn qiegħed is-senduq tan-Nanna Karm?
(a) F'waħda mill-kmamar ta' fuq.
(b) Fil-kamra tal-bejt.
(ċ) Fuq il-bejt.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

Issa se ngħaddu għal **Taħriġ B**.

Għal dan it-taħriġ se nistaqsik mistoqsija, u din id-darba trid tikteb it-tweġiba. It-tweġiba mhux bilfors tkun sentenza sħiħa.

Ejja nisimgħu:

**L-ewwel mistoqsija**
Waqt li t-tfal ikunu għand in-nanna, xi jkunu qed jagħmlu l-ġenituri tagħhom?
**[waqfa ta' 8 sekondi]**

**It-tieni mistoqsija**
X'jiftehmu t-tfal minn qabel?
**[waqfa ta' 8 sekondi]**

**It-tielet mistoqsija**
Fejn ikollu jmur il-kelliem kull nhar ta' Ġimgħa?
**[waqfa ta' 8 sekondi]**

**Ir-raba' mistoqsija**
X'isibu t-tfal meta jiftħu s-senduq tan-nanna?
**[waqfa ta' 30 sekonda]**

Issa għandek ftit minuti biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.

Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa.

Saħħa tfal!



www.StudentBounty.com

www.StudentBounty.com